MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tad-29 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 60/2004

**Vincent Cutajar**

**vs**

**Teddy Cefai f'ismu proprju u bhala ufficjal Rapprezentattiv ta' Zebbug Rovers F.C.**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Tghid il-ghaliex m'ghandekx tigi kkundannat li tirrifondi s-somma ta' elf lira maltin (Lm1,000) li kienet giet depozitata mieghek minnu personalment meta kien jokkupa l-kariga ta' President ta' Ghajnsielem Football Club, liema depozitu kien sar bhala garanzija li l-player Jonathan Xuereb jerga' jilghab mat-team taz-Zebbug, Rovers FC ghall-istagun kalcistiku li ghadu kemm ghadda (2003-2004), liema depozitu kellu jintilef biss f'kaz li dan il-player ma jergax jilghab mat-team ghall-istagun imsemmi wara li kien laghab mal-istess team ta' Zebbug Rovers F.C. fl-

istagun ta' qabel, u f'kaz li jerga' jilghab dan id-depozitu kellu jigi rifuz lill-attur, liema depozitu baqa' sallum ma giex rifuz minkejja li Jonathan Xuereb laghab ghall-istagun imsemmi, u minkejja wkoll li l-konvenut gie nterpellat biex jaghmel dan.

Bl-imghaxijiet mid-data meta dan id-depozitu kellu jinghata lura lill-attur sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Settembru 2003."

Ra r-risposta:

"1. Illi Teddy Cefai personalment ma ghamel l-ebda ftehim ma' Vincent Cutajar u ghalhekk mhuwiex il-legittimu kuntradittur.

2. Illi kull ftehim li sar kien bejn il-Club ta' Zebbug Rovers u dak ta' Ghajnsielem F.C. u mhux bejn Vincent Cutajar l-attur u Teddy Cefai l-konvenut.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-elf lira Maltin (LM1000) ma kienux depozitu izda hlas minn Ghajnsielem F.C. lil Zebbug Rovers biex dawn ta' l-ahhar ma jaghtu release lill-ebda player minn Mario Azzopardi u Alex Tramboo biex imorru man-Nadur Youngsters F.C.

Sema' l-provi;

Ikkunsidra:

Minn imkien ma jirrizulta li l-konvenut ircieva s-somma ta' LM1,000 personalment; anzi kollox jindika li rcevihom ghan-nom taz-Zebbug Rovers F.C. L-attur harrku kemm personalment kif ukoll bhala ufficcjal rapprezentattiv (sic) tal-istess club – haga li tindika bic-car li l-attur stess mhux cert ma' min sar esattament in-negozju.

It-tezi tal-attur li s-somma inghatat bhala garanzija li l-goaler Jonathan Xuereb jerga' jilghab mat-team tal-futboll taz-Zebbug hija sostnuta minnu, minn certu George

Xuereb minnu prodott (dan xehed bl-affidavit) u minn Peter Caruana, xhud prodott mill-konvenut. George Xuereb ma giex ikkontro-ezaminat. Pero’ sar kontro-ezami lill-attur (fol 20 et seq). It-Tribunal isibha ferm stramba kif l-attur qieghed isostni li ffirma skrittura li permezz taghha gie mgedded ghal stagun iehor it-trasferiment ta’ Jonathan Xuereb mill-kazin tal-futbol t’Ghajnsielem ghal mat-tim taz-Zebbug, bil-prezz ta’ elfejn lira, u li kontestwalment huwa hareg minn butu u personalment elf lira fi flus kontanti u ghaddiha lill-konvenut bhala garanzija li Jonathan Xuereb jithalla jilghab maz-Zebbug. Jekk dan diga’ kien ghamel stagun jilghab maz-Zebbug, u jekk kien qieghed isir il-ftehim bil-miktub tat-trasferiment bejn iz-zewg clubs, xi htiega kien hemm tal-hekk imsejjha garanzija biex issir xi haga li fil-fatt kienet diga’ qieghda ssehh?

Din il-verzjoni hija pero’ kontradetta minn ghadd ta’ xhieda, ilkoll prodotti mill-konvenut li lkoll taw verzjoni konsistenti, verosimili, u ferm iktar kredibbli minn dik tal-attur. Dawn jikkonsistu fil-konvenut innifsu, f’Dr Chris Said, Joe Cutajar (fol 56), Joe Cini, Jonathan Xuereb (il-goaler innifsu), Sammy Camilleri, u Carmel Saliba. Dawn kollha jistqarru li l-LM1,000 kien hlas lill-club taz-Zebbug biex dan ma jaghtix *release* lill-futbolers Azzopardi u Tramboo.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jehles lill-konvenut Teddy Cefai fil-kapacita’ tieghu personali mill-osservanza tal-gudizzju filwaqt li jichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut l-iehor Zebbug Rovers F.C. bl-ispejjez a kariku tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------